16 ta' Novembru 2019
124/2019

**DĦUL FL-ISKEJJEL TAL-KNISJA FL-2020**

AKTAR MINN 1,500 POST VAKANTI GĦALL-ISTUDENTI

Ir-regolamenti għad-Dħul fl-Iskejjel tal-Knisja għas-sena skolastika 2020 - 2021 ġew ippubblikati fuq il-websajt tal-Arċidjoċesi ta' Malta www.knisja.mt fil-paġna 'Skejjel tal-Knisja'. B'kollox ser ikun hemm 1,528 post vakanti għall-istudenti. L-applikazzjonijiet jistgħu jsiru online jew f'xi wħud mill-iskejjel tal-Knisja kif indikat fir-regolamenti. **L-applikazzjonijiet tal-ewwel kriterju jsiru f'Novembru 2019, l-applikanti l-oħra jsiru f'Jannar u Frar tal-2020.**

Il-proċess tad-dħul fl-iskejjel tal-Knisja jiddetermina d-dħul fl-ewwel u t-tieni sena kindergarten, fl-ewwel sena primarja u fl-ewwel sena sekondarja. Lista tad-dokumenti meħtieġa, il-ġranet meta wieħed għandu japplika u aktar dettalji huma mniżżla fir-regolamenti li jinsabu online.

**L-applikazzjonijiet tal-ewwel kriterju** jinkludu tfal li huma fi djar tal-Knisja, tfal tal-impjegati tal-iskejjel tal-knisja, aħwa li jistgħu jinkitbu fl-istess skola ta' ħuthom u tfal li qegħdin fi skejjel tal-Knisja bla kontinwità. **L-applikanti l-oħra** huma l-applikazzjonijiet għat-tfal li ma jaqgħux taħt l-ewwel kriterju u li l-ġenituri tagħhom jixtiequ li dawn jidħlu fi skola tal-Knisja.

Ser jiġu allokati wkoll numru ta' postijiet lil tfal ikkunsidrati bħala każijiet serji u li għalihom hemm regolamenti speċifiċi. Il-każijiet serji jinkludu tfal li għandhom jew ser ikollhom bżonn l-għajnuna ta' LSE, każijiet soċjali u każijiet ta' tfal tal-ażil. Il-każijiet serji jsegwu proċess parallel għall-applikazzjonijiet l-oħra.

In-numru ta' postijiet vakanti għad-dħul fl-iskejjel tal-Knisja għas-sena skolastika 2020 - 2021 huwa kif ġej:

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċidonju
Il-Furjana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1
Il-Furjana FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** media@maltadiocese.org
**www.knisja.mt**

| Sena | Postijiet Vakanti Subien | Postijiet Vakanti Bniet | Total Postijiet Vakanti |
|---|---|---|---|
| L-ewwel sena kindergarten | 62 | 70 | 132 |
| It-tieni sena kindergarten | 114 | 349 | 463 |
| L-ewwel sena primarja | 365 | 244 | 609 |
| L-ewwel sena sekondarja | 255 | 69 | 324 |
| **TOTAL** | **796** | **732** | **1,528** |

Għas-sena skolastika li għadha kif bdiet (2019 - 2020), fl-iskejjel tal-Knisja applikaw 3,687 student li minnhom intlaqgħu 1,607 fid-diversi livelli. Għal darb'oħra, it-talba kienet aktar mid-doppju tal-postijiet disponibbli fl-iskejjel tal-Knisja.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċidonju
Il-Furjana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1
Il-Furjana FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** media@maltadiocese.org
**www.knisja.mt**